**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2017**

**Talba Nru: 533/16 CZ**

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs**

**Ana Maria Streanga**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-17 ta' Novembru 2016 u li permezz taghha talbet lill-konvenuta thallasha s-somma ta' hames mija u disgha u hamsin Euro u tnejn u sittin centezmu (€559.62) liema ammont huwa in konnessjoni ma' sevizzi elettronici ta'

komunikazzjoni (Limitless Home Pack Silver Interactive) moghti mis-socjeta' attrici lill-konvent fuq il-kont li jgib in-numru AC40384955.

Illi interpellata sabiex tghaddi ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u d-drittijiet, sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti rikors.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta' Charmaine Wiffen, u sema' x-xiehda ta' Charmaine Psaila Raji, rapprezentanta tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenuta.

Ra li t-talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta’ din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta’ hames mija u disgha u hamsin Euro u tnejn u sittin centezmu (€559.62) liema ammont huwa in konnessjoni ma’ sevizzi elettronici ta’ komunikazzjoni (Limitless Home Pack Silver Interactive) moghti mis-socjeta’ attrici lill-konvent fuq il-kont li jgib in-numru AC40384955.

2. Illi x-xiedha Charmaine Wiffen u Charmaine Psaila Raji kkonfermaw bil-gurament traghhom li l-ammont reklamat mis-socjeta’ attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenuta.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

3. Illi l-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:
>
> (b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista’ ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

4. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

5. Fil-kaz odjern, il-konvenuta giet debitament notifikata u la ressqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fis-6 t'April u t-3 ta' Mejju 2017.

6. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut mill-konventa.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u disgha u hamsin Euro u tnejn u sittin centezmu (€559.62) bl-imghaxijiet kif mitluba, sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez kif mitluba huma kollha a kariku tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur